**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Lulju 2016 (Każ R 1212/2015-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Maan u Ciarko spółka z ograniczoną odpowiedzialnością.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ciarko spółka z ograniczoną odpowiedzialnością sp.k. għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

3) *Maan sp. z o.o. għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 410, 7.11.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2017 – Mapei vs EUIPO – Steenfabrieken Vandersanden (zerø)**

**(Kawża T-722/16)** (1)

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea RE-CONzerø — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea ZERO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE)Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”]***

(2018/C 005/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mapei SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: F. Caricato, sussegwentement minn M. Fazzini, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Steenfabrieken Vandersanden NV (Bilzen, il-Belġju) (rappreżentanti: J. Muyldermans u P. Maeyaert, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Lulju 2016 (Każ R 2371/2015-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Steenfabrieken Vandersanden u Mapei.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Mapei SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 462, 12.12.2016.